**Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020–2025**

(2020/C 440/16)

| | |
|---|---|
| **Relatur:** | Concepción ANDREU RODRÍGUEZ (ES/PSE), President tal-Gvern Reġjonali ta' La Rioja |
| **Dokument ta' referenza:** | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.<br>Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025<br>COM(2020) 152 final |

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jenfasizza li d-dritt għal trattament ugwali u opportunitajiet indaqs bejn il-ġeneri, kif iddikjarat fl-Artikolu 8 tat-TFUE u fil-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali, għandu jkun iggarantit u promoss fl-oqsma kollha;

2. jilqa' l-Komunikazzjoni *"Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025"* u l-viżjoni, l-għanijiet politiċi u l-azzjonijiet li jinsabu fiha, billi jikkunsidraha bħala bażi ferm siewja biex jinkiseb progress konkret fil-qasam tal-ugwaljanza fl-Unjoni Ewropea;

3. jilqa' l-fatt li ġiet ippubblikata f'mument opportun, li jikkoinċidi mal-ħamsa u għoxrin anniversarju mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, l-ewwel pjan ta' azzjoni universali biex jinkiseb progress fl-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, li r-rakkomandazzjonijiet tagħha għadhom fis-seħħ bħalissa, u għall-kontribut tagħha lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, peress li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija element essenzjali tad-dimensjonijiet kollha ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli;

4. jenfasizza l-importanza tal-governanza konġunta li fiha jipparteċipaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri bħala atturi fundamentali, iżda jinsisti dwar l-importanza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u t-tielet settur jiġu inklużi u jingħataw viżibbiltà, peress li huma atturi ewlenin fil-ġestjoni tal-politiki li jaffettwaw liċ-ċittadini direttament. Min-naħa tagħha, l-Istrateġija tenfasizza l-importanza tal-valur tal-ħidma konġunta ta' atturi pubbliċi u privati tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qafas ta' governanza;

5. jitlob li l-gvernijiet lokali u reġjonali jiġu rikonoxxuti bħala msieħba strateġiċi fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrateġija, minħabba l-kompetenzi tagħhom u x-xogħol li jagħmlu biex iwettqu dawn il-kompetenzi. Ir-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu żgurati sabiex tiġi implimentata l-Istrateġija;

6. jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-organizzazzjonijiet tan-nisa u mal-ġenerazzjonijiet iktar żagħżugħa, peress li jaqdu rwol importanti fil-ġestjoni tal-politiki dwar l-ugwaljanza;

7. għal dawn ir-raġunijiet kollha, u sabiex jinstab approċċ li jqis il-perspettiva tal-ġeneru fil-politiki, il-programmi u l-proġetti, jistieden lill-Kummissjoni toħloq grupp ta' ħidma interistituzzjonali li jiggarantixxi din il-governanza f'diversi livelli sabiex tiġi kkunsidrata b'mod effettiv il-ħidma meħtieġa biex tinkiseb ugwaljanza ġenwina bejn il-ġeneri;

8. jappella għal laqgħat formali tal-Ministri għall-ugwaljanza u l-Ministri fil-Kunsill tal-UE, u li l-isem tal-Kunsill EPSCO jinkludi t-terminu "ugwaljanza" kif rifless fis-seba' proposta tad-Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ffirmata mill-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja;

9. jinsisti fuq l-importanza li tiġi implimentata perspettiva intersezzjonali meħtieġa sabiex ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-individwi vulnerabbli u li jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla abbażi ta' diżabilità, età, oriġini etnika, orjentazzjoni sesswali, reliġjon, twemmin jew identità tal-ġeneru, filwaqt li jagħmel aċċenn speċjali għal gruppi vulnerabbli bħall-migranti nisa u l-persuni LGBTI, fost l-oħrajn. Għal din ir-raġuni, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa aktar dan l-approċċ intersezzjonali u tħejji linji gwida biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tagħhom fl-ippjanar, il-ġestjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki pubbliċi;

10. jenfasizza l-ħtieġa li jingħaqdu azzjonijiet intersezzjonali ma' azzjonijiet pożittivi f'oqsma settorjali minħabba li dawn huwa l-uniku mod kif jista' jittieħed approċċ komprensiv u effettiv li jqis il-perspettiva tal-ġeneru fil-ġestjoni tal-politiki pubbliċi. Għal dan il-għan, jinsisti fuq l-importanza ewlenija ta' persunal ikkwalifikat u/jew espert fir-rigward tal-ġeneru u tal-promozzjoni ta' taħriġ speċifiku u kontinwu dwar il-ġeneru fl-oqsma kollha li fihom jittieħdu deċiżjonijiet jew jiġu amministrati politiki pubbliċi;

11. jaqbel dwar l-importanza li jinkisbu strateġiji inklużivi u diversi kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat li jqisu b'mod aktar sħiħ is-sitwazzjonijiet tal-ħajja u l-isfidi kumplessi li jiffaċċjaw in-nisa fid-diversità kollha tagħhom. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat livell ogħla ta' tmexxija u parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

12. ifakkar li l-Istrateġija ġiet imfassla u ppubblikata qabel ma faqqgħet il-kriżi tas-saħħa pubblika tal-COVID-19, li l-irkupru minnha se jimmarka l-futur tal-politiki tal-Unjoni. Iħeġġeġ, għalhekk, li l-ugwaljanza tinżamm prijorità u li l-perspettiva tal-ġeneru tiġi integrata kemm fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-miżuri ta' rispons għall-pandemija, kif ukoll fl-inizjattivi li se jittieħdu għall-irkupru ekonomiku u soċjali. Jenfasizza r-rivalutazzjoni, minħabba l-kriżi, tal-qasam soċjali u tas-saħħa bħala settur strateġiku u ta' rilevanza sistemika tas-soċjetajiet tagħna, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu enfasizzati l-iżbilanċi sostanzjali bejn il-ġeneri u l-età li jeżistu f'dan is-settur. U jindika li l-kriżi tal-COVID-19 ma għamlet xejn aktar ħlief li aggravat saħansitra aktar l-inugwaljanzi li diġà kienu jeżistu bejn il-ġeneri, u jitlob irkupru ugwali u inkluživ;

**Ħielsa mill-vjolenza u mill-isterjotipi**

13. jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu dwar il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi li t-tmiem tal-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru huwa waħda mill-akbar sfidi għas-soċjetajiet tagħna u jħeġġeġ ir-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-Istati Membri kollha tal-UE bħala impenn fundamentali għall-ġlieda, il-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa;

14. iħeġġeġ, flimkien mal-Kummissjoni, lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni Nru 190 dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;

15. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tinkorpora l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet fost ir-reati Ewropej tal-Artikolu 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u biex tinvestiga fil-fond il-problema tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-vittmi li se tippreżenta fl-2020, filwaqt li tqis lin-nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Għal dan il-għan, jipproponi l-approvazzjoni ta' protokolli ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-livell ġudizzjarju fl-Unjoni;

16. jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri leġiżlattivi, immirati lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, it-tfajliet u l-bniet, li huma koerenti u komplementari għal-leġiżlazzjoni tal-UE u internazzjonali u li jindirizzaw kull forma ta' vjolenza, inkluża l-vjolenza online, li għandha r-riskju li ssir normalizzata fost iżgħażagħ, u l-vjolenza marbuta ma' kwistjonijiet ta' unur;

17. jappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-ħtieġa li tinħareġ Rakkomandazzjoni dwar il-prevenzjoni ta' prattiki ta' ħsara, bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili jew iż-żwieġ sfurzat, li tenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri preventivi u edukattivi effettivi għall-etajiet u s-setturi kollha tas-soċjetà, issaħħaħ is-servizzi pubbliċi u l-bini ta' kapaċità tal-professjonisti u l-aċċess għall-ġustizzja ffukata fuq il-vittmi;

18. jitlob li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkunu involuti b'mod strutturat fin-network tal-Unjoni Ewropea dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika li se titnieda fil-qafas tal-Istrateġija għall-iskambju ta' prattiki tajbin u l-finanzjament ta' miżuri ta' taħriġ u bini ta' kapaċità u ta' servizzi ta' appoġġ; Il-ħidma marbuta mal-prevenzjoni tal-vjolenza li tiffoka fuq l-irġiel, is-subien u l-maskulinità se tkun ta' importanza ewlenija;

19. jirrimarka li s-sitwazzjonijiet ta' konfinament bħala riżultat tal-kriżi tal-COVID-19 żiedu l-każijiet magħrufa ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru' Jinsisti, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa urġenti li jissaħħu l-miżuri rilevanti biex jagħtu attenzjoni u rispons effettiv għall-każijiet ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, filwaqt li jiġu pprovduti riżorsi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali peress li huma fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-pandemija;

20. jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu dwar ir-rikonoxximent tal-isterjotipi abbażi tal-ġeneru bħala waħda mill-kawżi ewlenin tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri. Jenfasizza l-ħtieġa li tkun inkluża aktar informazzjoni dwar miżuri u l-aħjar prattiki mmirati biex jeliminaw dawn l-isterjotipi f'oqsma bħal dak tal-edukazzjoni – formali u informali – tax-xogħol jew tal-komunikazzjoni u r-reklamar. Bl-istess mod, jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu analizzati f'aktar dettall l-impatti differenti li r-raġunijiet differenti għad-diskriminazzjoni għandhom fi ħdan dawn l-isterjotipi abbażi tal-ġeneru; B'mod partikolari, jenfasizza r-rwol tas-sistema edukattiva, u għalhekk tat-taħriġ dwar il-ġeneru għall-għalliema, bħala aġenti deċiżivi tal-bidla biex il-valuri wara l-patrijarkija jinbidlu f'valuri li jiggarantixxu soċjetà b'ugwaljanza effettiva bejn il-ġeneri;

21. jenfasizza r-rwol fundamentali li għandhom in-nies kollha ta' kull età, speċjalment iż-żgħażagħ, bħala aġenti ta' bidla responsabbli u b'mod attiv fir-rispett tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isferi professjonali, familjari u personali. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jassumu rwol fundamentali fil-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ u l-edukazzjoni;

22. jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni fil-livell Ewropew meħtieġa għall-ġlieda kontra l-isterjotipi abbażi tal-ġeneru, u jenfasizza l-bżonn li tingħata attenzjoni speċjali lis-settur taż-żgħażagħ, peress li dan huwa wieħed mis-setturi fundamentali tal-bidla;

23. iwissi dwar il-ħtieġa li teżisti fil-qasam tas-saħħa u tad-drittijiet sesswali u riproduttivi, mhux biss li jitwettqu studji b'perspettiva tal-ġeneru, iżda wkoll rigward l-importanza tal-iskambju ta' prattiki tajbin, l-aċċess universali għal servizzi tal-ippjanar tal-familja, is-saħħa sesswali u riproduttiva jew l-iżvilupp ta' miżuri ta' informazzjoni u ta' edukazzjoni dwar is-suġġett li jkunu ħielsa minn kull ġudizzju u jkollhom approċċ pożittiv u inklużiv;

**Suċċess f'ekonomija bbażata fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**

24. jenfasizza l-ħtieġa tal-ġlieda kontra s-segregazzjoni vertikali u orizzontali li teżisti bejn in-nisa u l-irġiel, peress li l-impjiegi l-iktar prekarji u l-agħar imħallsin għandhom numri għoljin ħafna ta' nisa, u dan jaffettwa b'mod speċjali d-differenza ċara fid-dħul tal-irġiel u n-nisa u d-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-ħajja tax-xogħol tal-minoranzi sesswali tiżviluppa wkoll b'mod pożittiv;

25. jistenna bil-ħerqa l-proposta li jmiss tal-Kummissjoni dwar it-trasparenza tal-pagi, li għandha tikkontribwixxi sabiex tiġi skoperta u, sussegwentement, eliminata d-differenza fid-dħul tal-irġiel u n-nisa u, finalment, id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri. Minkejja l-fatt li l-istabbiliment tal-pagi huwa kompetenza nazzjonali, il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali għandu japplika bis-sħiħ permezz ta' miżuri li jindirizzaw il-klawżoli ta' segretezza tal-pagi, il-verifiki annwali tal-pagi u d-dritt tal-ħaddiema li jitolbu informazzjoni dwar il-paga speċifika għall-ġeneru mingħand min iħaddimhom;

26. jappoġġja t-talba tal-Kummissjoni li l-Istati Membri jittrasponu d-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata malajr kemm jista' jkun sabiex l-irġiel u n-nisa jkunu jistgħu jirnexxu fuq l-istess livell kemm personalment kif ukoll professjonalment u bil-għan li d-Direttiva tiżgura koresponsabbiltà ekwa u konġunta;

27. jappoġġja t-talba tal-Kummissjoni li l-Istati Membri jittrasponu d-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata malajr kemm jista' jkun sabiex l-irġiel u n-nisa jkunu jistgħu jirnexxu fuq l-istess livell kemm personalment kif ukoll professjonalment; iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea tirrevedi u tiżviluppa l-objettivi ta' Barċellona, tagħmilhom obbligatorji, u tintroduċi għanijiet ta' kura lil hinn minn Barċellona (Barċellona+), biex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' kura f'soċjetajiet li qed jixjieħu u jiġi rikonoxxut li s-settur tal-kura huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu ddominat min-nisa iżda li mhux imħallas b'mod li jikkorrispondi mal-valur soċjali tiegħu għas-soċjetà;

28. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra ftehim ta' kura għall-Ewropa, simili għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ, biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' kura f'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jpoġġi l-kura fiċ-ċentru tal-attività ekonomika, u jżid l-investiment fis-saħħa u l-kura, f'konformità mal-Istrateġija tal-Ekonomija tal-Benesseri; jistieden lill-Kummissjoni u jħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw dak li ntqal mill-ħaddiema domestiċi rġiel u nisa rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 189;

29. iqis li huwa rilevanti li l-Istrateġija tagħmel referenza speċjali għad-dimensjoni territorjali u, speċjalment għaż-żoni rurali u dawk depopolati minħabba l-ispeċifiċità tat-territorji tagħhom. Jenfasizza wkoll ir-rwol fundamentali li għandhom in-nisa fid-dinja rurali, bħala element determinanti għall-istrutturar territorjali, ekonomiku u soċjali tagħhom. Iqis li huwa essenzjali li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni u t-tmexxija femminili fi Gruppi ta' Azzjoni Lokali u fin-networks ta' żvilupp rurali. Barra minn hekk jinnota li l-kura u s-servizzi ta' appoġġ għat-tfal u l-qraba dipendenti għandhom jiġu estiżi, speċjalment fiż-żoni rurali;

30. jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Istrateġija tenfasizza l-ħtieġa li jitneħħew id-disparitajiet bejn il-ġeneri fil-kuntest tat-tranżizzjoni diġitali u l-innovazzjoni, filwaqt li tiġi promossa parteċipazzjoni akbar tan-nisa fil-programmi ta' studju u l-impjiegi fl-oqsma STEAM u ICT u jħeġġeġ li jiġu indirizzati wkoll forom ġodda ta' sessiżmu online u fix-xogħol, bħal dawk li jidhru f'xi sistemi ta' intelliġenza artifiċjali preġudikati. Għal dan il-għan, huwa jenfasizza l-importanza ta' kkowdjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u jappella għall-parteċipazzjoni ugwali tal-ġeneri fit-tfassil, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u d-dibattitu dwar l-etika u l-istandards tat-teknoloġiji relatati mal-intelliġenza artifiċjali. Jenfasizza l-importanza li jiżdied in-numru tan-nisa fid-dinja diġitali u tal-innovazzjoni, peress li huma setturi fundamentali ta' bidla fis-soċjetajiet tagħna. F'dan ir-rigward, jinsisti fuq il-ħtieġa li tkun garantita l-ugwaljanza fit-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja rigward l-użu adatt u sigur tat-teknoloġiji ġodda u n-networks soċjali;

31. jitlob li, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jiġu analizzati, b'approċċ ibbażat fuq il-ġeneru, id-diffikultajiet li esperjenzaw bosta familji fl-UE kollha sabiex isibu bilanċ bejn it-telexogħol u l-piż tal-kura matul il-kriżi tal-COVID-19. Huwa essenzjali li wieħed joqgħod attent għar-regolamenti possibbli dwar it-telexogħol jew ix-xogħol mill-bogħod, sabiex dan ma jsirx mekkaniżmu li jirritorna lin-nisa fl-isfera tal-familja u tal-ħajja privata. Jindika l-ħtieġa speċjali li nkunu konxji ta' dawk is-sitwazzjonijiet ta' familji li jesperjenzaw diffikultajiet kbar fir-rigward tal-bilanċ, bħall-familji b'ġenitur wieħed magħmulin primarjament minn nisa;

32. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, madwar l-Unjoni Ewropea, in-nisa kienu dawk li wettqu xogħol fuq quddiem fil-pandemija tal-COVID-19 (persunal tas-saħħa, kura tat-tfal u tal-anzjani, xogħol domestiku u kummerċjali, eċċ.) li għamilhom, għalhekk, aktar vulnerabbli għall-kontaġju. Barra minn hekk, uħud minn dawn il-professjonijiet huma fost l-inqas stmati u l-inqas imħallsa fl-UE. Għal din ir-raġuni, jitlob li l-iżbilanċ fir-rappreżentazzjoni tan-nisa u l-irġiel f'dawk l-impjiegi li kienu essenzjali matul l-emerġenza pandemika, speċjalment fir-rigward tal-kura, jittieħed inkunsiderazzjoni fil-miżuri għall-ġlieda kontra l-qgħad u l-prekarjat. Wieħed ma għandux jinsa, anqas, li ħafna mill-professjonijiet iffokati fuq il-kura u d-dar jitwettqu minn nisa migranti, affettwati minn preġudizzju doppju; jeħtieġ li d-dimensjoni tal-ġeneru tiġi inkluża fil-pjani ta' rkupru, kif ukoll jiġu appoġġjati n-nisa intraprendituri u l-proġetti intraprenditorjali tagħhom, kif ukoll in-nisa maniġers, waqt li jiġu enfasizzati l-isforzi addizzjonali involuti fit-telexogħol;

33. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tanalizza u tindirizza kif il-pandemija tal-COVID-19 se tagħmel impatt fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq perjodu qasir u twil ta' żmien. In-nisa u l-irġiel għandhom esperjenzi differenti tal-pandemija. Hemm ħtieġa qawwija għal data diżaggregata skont il-ġeneru biex wieħed jifhem bis-sħiħ kif in-nisa u l-irġiel jiġu affettwati mill-virus, mhux biss għal dawk milquta mill-marda jew li huma prattikanti tal-ewwel linja fil-kriżi tas-saħħa, iżda wkoll għall-effetti fuq l-ekonomija, l-edukazzjoni, id-distribuzzjoni tax-xogħol ta' kura u l-iskala tal-vjolenza domestika;

**L-ugwaljanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet**

34. għandha tiġi enfasizzata l-parteċipazzjoni aktar baxxa tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet; u jenfasizza l-fatt li n-nisa jirrappreżentaw biss 15 % tas-sindki, 21 % tal-presidenti reġjonali, 35 % tal-membri tal-parlamenti reġjonali u 23 % ([1]) tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni. Jiddispjaċih li din id-data mhix imsemmija fl-Istrateġija minħabba li tippermetti li jsir viżibbli d-distakk eżistenti f'dan il-qasam reġjonali u lokali;

35. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex titlob lill-Istati Membri jorganizzaw u jappoġġjaw inizjattivi ta' tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fil-konfront tat-tħejjija ta' elezzjonijiet lokali u reġjonali, sabiex jingħelbu d-diskriminazzjoni u l-ostakli li jiffaċċjaw in-nisa f'dawn il-proċessi, inklużi l-isterjotipi u n-normi soċjali li jwasslu biex it-tmexxija femminili tiġi sottovalutata meta mqabbla ma' dik maskili. Huwa wkoll ta' importanza kbira li n-nisa jiġu appoġġjati biex joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali u reġjonali;

36. ifakkar fil-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod speċifiku l-problema tal-vjolenza kontra n-nisa politiċi eletti u l-personalitajiet nisa fil-ħajja pubblika, inkluża l-intimidazzjoni online permezz tan-networks soċjali, fattur li jaffettwa u jinfluwenza l-kapaċità tan-nisa biex jipparteċipaw f'kundizzjonijiet indaqs fil-politika u fil-ħajja pubblika;

37. jitlob li l-istituzzjonijiet Ewropej, li waħda minnhom hija l-Kumitat tar-Reġjuni, jadottaw kodiċijiet ta' kondotta li jiffavorixxu l-parteċipazzjoni fuq termini ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-kompożizzjoni u fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija tagħhom, bl-għan aħħari jkun il-parità bejn il-ġeneri fost il-membri tal-KtR;

38. huwa favur l-idea li jinkludi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta fost il-prijoritajiet tiegħu fis-snin li ġejjin u jħeġġeġ li titwettaq reviżjoni annwali tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-parità bejn il-ġeneri, permezz ta' rapporti annwali li janalizzaw il-miżuri adottati (b'garanzija ta' distribuzzjoni ġusta f'atti u rapporti differenti). Ir-riżultati għandhom jiġu komunikati waqt is-sessjoni plenarja l-iktar viċin tal-Jum Internazzjonali tan-Nisa;

39. jitlob il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-Programm ta' Tagħlim Reċiproku dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex jiġi promoss l-iskambju ta' prattiki tajbin u jistieden li jiġi promoss taħriġ speċifiku dwar il-ġeneru fil-livelli kollha u li tiġi introdotta l-kariga professjonali ta' aġent tal-ugwaljanza;

40. jindika li l-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità tiffoka b'mod qawwi fuq is-settur privat, u għalhekk tista' tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex ikollhom eżempji u prattiki tajbin rappreżentattivi li jeżistu f'livelli u territorji differenti tal-Unjoni. Jipproponi l-inklużjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali fost il-Karti dwar id-Diversità;

**Il-perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u l-baġit**

41. jaqbel li l-isfidi kbar li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea bħalissa għandhom dimensjoni ta' ġeneru. Madankollu, iqis li l-perspettiva tal-ġeneru mhijiex ikkunsidrata b'mod ċar u suffiċjenti la fil-politiki u lanqas fil-baġit tal-Unjoni Ewropea;

42. jitlob li l-Istrateġija tintrabat b'mod aktar ċar mal-prijoritajiet u l-istrateġiji politiċi ewlenin tal-Unjoni, b'mod partikolari fit-tranżizzjonijiet lejn ekonomija newtrali għall-klima, it-trasformazzjoni diġitali u l-isfida demografika. Ifakkar li dawn il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE jinkludu preġudizzji sinifikanti bbażati fuq il-ġeneru, li l-eliminazzjoni tagħhom hija kruċjali sabiex jinkiseb is-suċċess tas-soċjetajiet tagħna fit-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni jew l-inkorporazzjoni tad-dimensjoni territorjali;

43. jappoġġja l-applikazzjoni ta' metodoloġiji għal tfassil ta' baġit b'perspettiva tal-ġeneru għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss 2021-2027. L-arranġamenti ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu riveduti sabiex jinkisbu l-għanijiet u l-objettivi tal-Istrateġija, u jiġi inkorporat fil-programmi finanzjarji kollha objettiv konkret ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll mekkaniżmu ta' kundizzjonalità li jiżgura l-ugwaljanza permezz tal-istabbiliment ta' objettivi u strateġiji bbażati fuq il-ġeneru għall-aċċess għal finanzjament. F'dan ir-rigward, jenfasizza l-potenzjal tas-Semestru Ewropew u tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt biex jimmonitorjaw l-isfidi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, permezz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u billi jintegraw miżuri speċifiċi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u fil-programmi nazzjonali għar-rikostruzzjoni u r-reżiljenza;

([1]) Sitwazzjoni fil-5 ta' Ġunju 2020.

44. jiddefendi l-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija b'indikaturi effettivi għall-kejl u l-valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneru, minbarra l-istabbiliment ta' skedi u miżuri ta' akkontabilità. Ifakkar fl-importanza li jitħejjew rapporti annwali li jirriflettu l-progress li għamlu l-Istati Membri fl-ugwaljanza, kif ukoll il-prattiki tajbin tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi indikaturi diżaggregati skont il-ġeneru u indikaturi tal-ġeneru fil-politiki pubbliċi Komunitarji kollha u tiġi inkluża l-internazzjonalità għat-trattament ta' aspetti bħall-età, l-identità sesswali, it-tip ta' diżabilità, l-istatus migratorju jew id-dimensjoni urbana-rurali;

45. jitlob li jiġi involut fit-Task Force għall-Ugwaljanza maħluq riċentament mill-Kummissjoni Ewropea biex jiżgura l-integrazzjoni effettiva tal-perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u l-programmi kollha;

46. jitlob li jkollu rwol uffiċjali biex jappoġġja l-bini tal-kapaċità tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) sabiex itejjeb u jistandardizza l-ġbir u l-analiżi ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u l-indikaturi tal-ġeneru, b'mod partikolari għal elementi bħar-rappreżentanza tan-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli lokali u reġjonali;

47. jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom isaħħu d-dimensjoni tal-ġeneru fis-sistemi nazzjonali u reġjonali tal-istatistika sabiex ikun jista' jkollhom data affidabbli u regolari bi qbil mhux biss mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), iżda wkoll mal-Eurostat.

48. ifakkar li l-kriżi tal-COVID-19 għandha dimensjoni evidenti bbażata fuq il-ġeneru, u għalhekk se jkun essenzjali li tiġi inkorporata perspettiva tal-ġeneru fil-Fond għall-Irkupru, permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt u l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' bbaġitjar reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-fondi kollha;

**Indirizzar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fid-dinja kollha**

49. ifakkar li biex jinqered il-faqar jenħtieġ li tintemm l-inugwaljanza bejn il-ġeneri. Iż-żewġ inugwaljanzi, dik ekonomika u dik ibbażata fuq il-ġeneru, huma relatati u ma nistgħu nħallu l-ebda waħda minnhom barra. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhix biss waħda mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli iżda hija wkoll element trasversali fl-Aġenda għall-Iżvilupp kollha;

50. jenfasizza li l-Azzjoni Esterna tal-UE għandha tikkonforma mal-impenji legali tagħha biex tippromovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-assoċjazzjonijiet internazzjonali tagħha u fil-politiki tagħha tal-kummerċ, tal-viċinat u tat-tkabbir, partikolarment fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni, il-proċess ta' assoċjazzjoni u l-politiki dwar l-asil u l-migrazzjoni. Dan huwa rifless fl-Artikolu 208 tat-TFUE li jistabbilixxi l-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, li jirrikjedi li jiġu kkunsidrati l-SDGs, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp;

51. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta kif tuża l-politika kummerċjali tal-UE biex tavvanza d-drittijiet tan-nisa u l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija lil hinn mill-fruntieri tagħha;

52. jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jżidu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE sabiex iħeġġuhom jadottaw liġijiet nazzjonali li jipprojbixxu l-mutilazzjoni ġenitali femminili [2];

53. jenfasizza l-potenzjal tal-kooperazzjoni deċentralizzata biex jiġi promoss żvilupp demokratiku u ekwu mad-dinja kollha, kif ukoll il-ħtieġa li jitneħħa d-distakk fil-finanzjament għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp;

---

(2) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2020 dwar strateġija tal-UE biex tintemm il-mutilazzjoni ġenitali femminili fid-dinja kollha (2019/2988(RSP)).

54. juri kif il-COVID-19 żiedet l-inugwaljanzi kollha eżistenti b'effett dirett fuq il-bniet, it-tfajliet u n-nisa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li ntlaqtu immedjatament u direttament mit-telf ta' impjiegi, li naqsilhom l-involviment fl-oqsma pubbliċi u politiċi, kellhom jerfgħu r-responsabbiltà tal-kura tal-familja u nqabdu f'kuntesti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. L-Istrateġija tidher li hija għodda neċessarja biex dawn il-proċessi jitreġġgħu lura.

Brussell, 14 ta' Ottubru 2020.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Apostolos TZITZIKOSTAS